B 3349

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,404, 17 ta' April, 2009
Taqsima B

A.L. 306 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Biomedical Sciences taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Biomedical Sciences taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Biomedical Sciences;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Biomedical Sciences;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Biomedical Sciences; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut f'waħda minn dawn l-oqsma ta' studju:

Blood Transfusion Science, Haematology, Molecular Biology and Genetics, Microbiology, u Neuroscience, jew f'xi qasam ta' studju ieħor li l-Bord iqis bħala rilevanti, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

4. Suġġett għad-disponibilità tar-riżorsi, il-Bord jista' jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jirreġistraw għal kull qasam ta' studju offrut fil-Kors. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5. Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jintgħażlu wara intervista li ssir mill-bord tal-għażla maħtur mill-Bord u li jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

,Il-Bord għandu jikkunsidra dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tip u l-klassi/kategorija tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam ta' studju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

6. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad fil-Medicine and Surgery; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery; jew

(ċ) kwalunkwe grad ieħor f'qasam ta' studju li l-Bord iqis rilevanti, b'mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, li jista' jkun ukoll il-grad ta' Bachelor of Science mill-Fakultà tax-Xjenza jew mill-Institute of Health Care; il-grad ta' Bachelor of Pharmacy; il-grad ta' Bachelor of Science in Nursing or Midwifery; u l-grad ta' Bachelor of Psychology.

(2) Il-Bord jista' jħalli jidħlu applikanti li għandhom grad u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżla f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament sakemm ikollhom kwalifiki oħra u esperjenza rilevanti, u jtemmu b'suċċess programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 7.

Il-Programm Preparatorju

7. (1) Il-programm preparatorju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 kredtu, u għandu jkun regolat ukoll skont ir-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu l-programm preparatorju b'suċċess b'marka medja ta' 55% jew aħjar, qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-Kors.

It-Tul tal-Kors

8. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

9. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu.

10. Il-programm ta' studju f'kull qasam ta' studju offrut fil-Kors jista' jkun jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka.

11. (1) Il-programmi ta' studju prinċipalment mgħallma jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 kredtu u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 kredtu.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

12. Il-programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati massimu ta' 30 kredtu u taqsimiet studju bir-riċerka li għalihom hemm assenjati 60 kredtu jew aktar.

13. Il-programmi ta' studju għandhom ikunu ppubblikati mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

14. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) It-taqsimiet studju għandhom ikunu eżaminati minn Bord tal-Eżaminaturi kompost minn tliet membri akkademiċi, li jinkludi l-koordinatur tat-taqsima studju.

(3) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kredtu, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(4) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skont il-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjonijiet

15. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment mgħallma, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord, sal-bidu tat-tieni semestru.

16. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir wara l-approvazzjoni tal-proposta. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

17. (1) Fil-każijiet kollha, l-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time*, jew fl-aħħar tas-sena akkademika, jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

18. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

19. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.